# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 823

KAZ NRU. 993

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Antonia Micallef

u

Paradise Bay Hotel Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 29 t'April, 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 26 ta' Dicembru, 1995 b'riferenza ME 4/95 Vol. 11/100 skond il-provvediment ta' l-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tilwima tikkonsisti fl-allegazzjoni da parti tal-appellanti li kienet giet imkeccija waqt li l-kumpanija ssostni li l-appellanti ma riditx taccetta ir-riduzzjoni ta' kariga waqt probation u telqet 'il barra u anke qalet, hi u hierga "li kienet taghat in-notice".

Mix-xhieda ta' Beatrice Zammit, Direttrici tal-Kumpanija rrizulta li meta l-appellanti giet infurmata li kienet sejra titnizzel ghal grad li kellha, l-appellanti irrispondiet li ma tistax taccetta li tibqa bhala *maid*.

Din l-istqarrija giet ikkonfermata ezattament mill-appellanti li fix-xhieda taghha qalet, meta Beatrice Zammit qaltilha li kienet giet ridotta minn Supervisor, “Jien ma bqajtx ghax-xoghol ghaliex kieku bqajt kont inkun qeghda naccetta li jien inzilt ghal Chambermaid”.

Jidher li l-appellanti qeghda ssostni li mhabba l-korriment taghha ma setatx taghmel certu xoghol u forsi anke il-Professur Sciberras seta’ qallha li peress li hi kienet qaltlu li kienet supervisor ix-xoghol taghha kien *light duty,* pero’ l-Professur ma setax, u zgur ma qalx, li kellha tkun Supervisor; hi ma setghetx tirrifjuta decizjoni manegerjali legittima ghax kienet menomata. Fix-xhieda taghha, l-appellanti qalet li anke l-avukat tal-G.W.U. qallha dan u ghalhekk marret ghand avukat privat.

Hi setghet biss titlob kunsiderazzjoni ghal xoghol hafif. Dan ma ghamlithux u minbarra x-xhieda taghha u ta’ Beatrice Zammit kien hemm xhieda ohra li tefghu dawl fuq dan li kien gara.

Is-sur Demanuele f’ittra ffirmata minnu fit-3 ta’ Jannar, 1995 iddikjara li l-appellanti qaltlu “tlabthom in-notice”. Fix-xhieda tieghu qal li kienet qaltlu li “taghthom in-ntoice” u kompla jghid li billi ma semghax il-kelma “keccewni” ma setghetx qaltlu li telqet ghax keccewha. Ikkonferma wkoll li l-ittra fuq imsemmija kien ghailha fuq talba ta’ Beatrice Zammit li kienet qaltlu li kien hemm possibilita’ li tidhol il-Qorti.

Claudia Haddar u Arialde Fenech xehdu li semghu lill-appellanti tghid li “hi bin-notice”. Ebda wahda minnhom ma qalu jew gew mistoqsija jekk semghux il-kelma “keccewni”.

Is-sur Portelli, prodott mill-appellanti, kkonferma li mhabba certi difetti, l-promozzjoni kienet saret kundizzjonata li l-appellanti tbiddel certu agir. Qal ukoll li meta qalulha li

kienet giet *demoted* hija ma riditx taghmel ix-xoghol ta' *cleaner* u zied ukoll jghid li anke bahla supervisor irrifjutat taghmel certu xoghol, li hi qalet kien iebes ghall-spallejha izda hu wrieha kif seta jsir liberament bla l-uzu ta' jdejha; ikkonferma wkoll li l-appellanti kienet qalet, quddiemu, li ma riditx taccetta d-*demotion.*

Dan ir-rifjut li taccetta d-*demotion* baqa' jidher mix-xhieda tal-appellanti u jidher li kien bazat fuq zball da parti taghha li peress li kienet imwegga, hija ma setghetx taghmel certu xoghol tal-grad originali taghha; x'aktarx li dan l-izball gie msahhah mill-Professur Sciberras li perss li ma kienx jaf li kienet bi *probation* qalla li xoghol ta' supervisor setghet taghmlu.

Skond l-Art. 34 tac-(CERA) il-perijodu ta' *probation* ta' mpjieg - u mhux tal-ewwel impjieg - huwa ta' tlett xhur izda meta jkun hemm ftehim kollettiv, tali ftehim jista' jipprovdi ghall-*probation* ta' sitt xhur.

Fil-kaz in ezami kien hemm ftehim kollettiv li stabilixxa l-perijodu ghall-tlett xhur u ghalhekk kemm dak originali ta' sitt xhur kif ukoll dan ta' erba' xhur kienu llegali ghall-perijodi ta' wara l-ewwel tlett xhur.

(1) Dwar il-probation - il-perijodu, l-estensjoni tieghu u l-ammissjoni tacita ta' ftehim bejn il-partijiet - il-Qorti ta' l-Appell tkellmet car hafna fis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar, 1997 in re M. Mallia noe vs C. Debono noe u S. Jenkins.

Jinghad pero' li l-*probation* huwa perijodu ta' prova u jekk dik il-prova ma ssirx bhal kaz in ezami mhabba korriment, dik il-*probation* ghandha titqies li ma saretx hlif ghall-14-il jum.

It-tieni darba l-probation giet iffissata ghal erba' xhur; l-ittra harget fid-29 ta' Awissu, 1995 meta l-kumpanija kienet giet avzata mill-*Industrial Injuries Board* li l-appellanti kienet sejra tidhol ghax-xoghol, pero' hi dahlet fis-6 ta' Novembru u mbaghad giet *downgraded* fit-30 ta' l-istess xhar - vuoldiri wara 24 jum ta' prova u ghalhekk it-tlett xhur ta' prova kienu ghadhom ghaddejjin anke jekk tghodd dawk ta' qabel il-korriment u ghalhekk id-*demotion* setghet issir.

(2) L-appellanti isostni li peress li l-Ftehim Kollettiv jghid "all employees, on engagement, shall be considered to be on probation for a period of three months" u peress li hi kienet ilha mpjegata mad-ditta ghal aktar minn sena, il-*probation* kienet skadiet u ma kienx hemm lok ghal *probation* gdid.

It-Tribunal ma jistax jaccetta din it-tezi ghaliex l-Art 34 (1) tac-C.E.R.A. jghid li l-ewwel tlett xhur ta' kull impjieg TAHT KUNTRATT TA' SERVIZZ huwa mpjieg taht *probation.*

Kuntratt ta' servizz ghandu jistipula, fost affarijiet ohra, x-xoghol specifiku tal-ftehim bejn iz-zewg partijiet u l-paga li sejra tithallas u ghalhekk promozzjoni li tbiddel ix-xoghol u r-responsabbilita' u l-paga tirrikjedi kuntratt ta' servizz gdid u allura l-ewwel tlett xhur fil-grad il-gdid ikun taht *probation*.

Ghaldaqstant meta l-appellanti rrifjutat taccetta d-demotion u telqet 'il barra u anke tat in-notice hija kienet irrizenjat.

Ghaldaqstant it-talba tal-appellanti qeghda tigi michuda.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-dritt taz-zewg difensuri tal-partijiet fl-ammont ta' Lm40 kull wiehed.

B’hekk tintemm din il-kwisjtoni tax-xoghol.

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg